31994D0323

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-19 ta' Mejju 1994
li tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw mis-Singapor

(94/323/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti mis-sajd [1], u b'mod speċjali l-Artikolu 11(1) tagħha,

Billi espert tal-Kummissjoni għamel żjara ta' spezzjoni fis-Singapor sabiex jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom prodotti tas-sajd huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lill-Komunità;

Billi d-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni tas-Singapor dwar l-ispezzjoni tas-saħħa u l-monitoraġġ tal-prodotti tas-sajd jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għal dawk stipulati f'Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-Ministeru għall-Iżvilupp Nazzjonali, id-Dipartiment għall-Produzzjoni Primarja, l-awtorità kompetenti fis-Singapor, u d-Diviżjoni tas-Saħħa Veterinarja Pubblika, id-dipartiment ta' l-ispezzjoni tiegħu, huma kapaċi li effettivament jivverifikaw l-applikazzjoni tal-liġijiet in forza;

Billi l-proċedura għall-kisba ta' ċertifikat li għalih hemm riferenza fl-Artikolu 11(4)(a) ta' Direttiva 91/493/KEE għandu jkopri ukoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġijiet minimi dwar il-lingwa(i) li fiha trid tiġi mfassla u l-kwalifikazzjonjiet tal-persuna li għandha l-poter tiffirmaha;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(b) ta' Direttiva 91/493/KEE, għandha titwaħħal marka mal-pakketti ta' prodotti tas-sajd li jindikaw l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(c) ta' Direttiva 91/493/KEE, għandha tiġi mfassla lista ta' stabbilimenti approvati; billi l-lista trid titfassal fuq bażi tal-komunikazzjoni mill-Ministeru għall-Iżvilupp Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Produzzjoni Primarja tal-Kummissjoni; billi huwa għalhekk il-Ministeru għall-Iżvilupp Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Produzzjoni Primarja tal-Kummissjoni li jassiguraw il-konformità mad-disposizzjonijiet stipulati lejn l-aħħar ta' l-Artikolu 11(4) ta' Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-Ministeru għall-Iżvilupp Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Produzzjoni Primarja tal-Kummissjoni pprovdew assigurazzjonijiet dwar il-konformitá mar-regoli stipulati f'Kapitolu V ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE u dwar it-twettiq tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stipulati minn dik id-Direttiva għall-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Veterinerija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ministeru għall-Iżvilupp Nazzjonali, id-Dipartiment għall-Produzzjoni Primarja (Diviżjoni tas-Saħħa Veterinarja Pubblika) għandha tkun l-awtorità kompetenti fis-Singapor sabiex tivverifika l-qbil ta' prodotti tas-sajd mal-ħtiġiet ta' Direttiva 91/493/KEE.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, pġ. 15.

Artikolu 2

Prodotti tas-sajd li joriġinaw fis-Singapor, bl-eċċezzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar f'kull forma, iridu jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet:

1. kull konsenja għandha tiġi akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali tas-saħħa bin-numru, mimli, iffirmat, datat u fih karta waħda fi qbil mal-mudell fl-Anness A ta' hawnhekk;

2. il-prodotti jridu jiġu minn stabbilimenti approvati mniżżla fl-Anness B ta' hawnhekk;

3. ħlief fil-każ ta' prodotti tal-ħut iffriżati bil-grossa u mmirati għall-manifattura ta' ikel preservat, kull pakkett għandu jkollu l-kelma "Singapor" u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' l-oriġini f'ittri li ma jistgħux jiġu mħassra.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat li għalih hemm riferenza fl-Artikolu 2(1) għandu jitfassal f'ta' lanqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru fejn ikunu saru l-kontrolli.

2. Iċ-ċertifikat għandu jkollu l-isem, kapaċità u firma tar-rappreżentant tal-Ministru għall-Iżvilupp Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Produzzjoni Primarja u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar f'kulur differenti minn dak ta' firmatarji oħra.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tiġi applikata mill-1 ta' Awwissu 1994.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti tas-sajd li joriġinaw mis-Singapor u huma mmirati għall-esportazzjoni fil-Komunità Ewropea bl-eċċezzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar f'kull forma

Numru tar-riferenza: .....

Pajjiż tat-tluq: SINGAPOR

Awtoritá kompetenti: *Ministeru għall-Iżvilupp Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Produzzjoni Primarja*

Dipartiment ta' l-ispezzjoni: *Diviżjoni tas-Saħħa Veterinarja Pubblika*

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

Deskrizzjoni tal-prodott:

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament [1]: .....

Numru tal-Kodiċi (fejn applikabbli): .....

Tip ta' pakkeġġjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Toqol nett: .....

Temperatura tal-ħżin u trasportazzjoni neċessarja: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Is(e)m(ijiet) u numru(i) uffiċjali ta' l-approvazzjoni ta' stabbilimenti approvati *mill-Ministeru għall-Iżvilupp Nazzjonali, id-Dipartiment għall-Produzzjoni Primarja* għall-esportazzjoni fl-KE:

.....

.....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti intbagħtu

mill-: .....
(post mnejn intbagħtu)

għal: .....
(pajjiż u post fejn ġew mibgħuta)

bil-mezz tat-trasport li ġej: .....

Isem u indirizz ta' min bagħtu: .....

.....

.....

Isem ta' min irċevih u l-indirizz fil-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

L-ispettur uffiċjali qed jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu u ġew trasportati fuq vapuri fi qbil mar-regoli tas-saħħa stipulati f'Direttiva 92/48/KEE;
2. illandjaw, ġew trasportati u fejn xieraq ippakkjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, maħlija joqogħdu u maħżuna iġenikament fi qbil mal-ħtiġiet stipulati f'Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness għall-Direttiva 91/493.KEE;
3. sarulhom kontrolli tas-saħħa fi qbil ma' Kapitolu V ta' l-Anness għal Direttiva 91/493.KEE;

[1] Ħajjin, refriġirati, iffriżati, immelħa, affumigati, ippreservati, eċċ.

4. huma ppakkjati, immarkati, maħżuna u trasportati fi qbil ma' Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness għall-Direttiva 91/493/KEE;

5. ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċi li fihom il-bijotossiċi;

6. sarulhom b'mod sodisfaċenti kontrolli organoleptiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stipulati għal ċertu kategoriji ta' prodotti tas-sajd minn Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet għalihom.

Magħmul f':....., fil-: .....

(post) (data)

Timbru uffiċjali

.....

Firma ta' l-ispezzjonatur uffiċjali
(isem f'ittri kbar, kapaċità u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

ANNESS B

LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI

Approvazzjoni	Stabbiliment	Indirizz	Data (1)
VPH-CS-001	Q.B. Food Trading Pte Ltd	Singapore 2261	bla limitu
VPH-CS-002	Tai Wee Company (Pte) Ltd	Singapore 0512	bla limitu
VPH-CS-003	NCS Cold Store	Singapore 2261	bla limitu
VPH-FE-001	Global Fisheries Pte Ltd	Singapore 2261	bla limitu
VPH-FE-002	Wales Seafood (Singapore) Pte Ltd	Singapore 2263	bla limitu
VPH-FE-003	Fong Hsiang Enterprises Co. Pte Ltd	Singapore 2261	bla limitu
VPH-FE-004	Sigma Food Products Pte Ltd	Singapore 2775	bla limitu
VPH-FE-005	Tri-Oceanic (Pte) Ltd	Singapore 2261	bla limitu
VPH-FE-006	Marissco (Pte) Ltd	Singapore 2261	bla limitu
VPH-FE-007	Thong Siek Trading Pte Ltd	Singapore 2775	bla limitu
VPH-FE-008	Tenneco Pte Ltd	Singapore 1953	bla limitu
VPH-ME-001	Effort Holdings Pte Ltd	Singapore 0512	bla limitu
VPH-ME-002	Yeo Hiap Seng Ltd	Singapore 2158	bla limitu
VPH-ME-003	Amoy Canning Corporation (Singapore) Ltd	Singapore 2261	bla limitu
VPH-SE-001	Woh Hup Food Industries Pte Ltd	Singapore 0512	bla limitu

(1) Data ta' l-iskadenza ta' l-approvazzjoni, jew mhux limitata.